MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 1024/2009

**Intercomp Marketing Limited**

**vs**

**Rita Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Dicembru 2009 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u sebghin ewro (€1,674) rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut in konnessjoni ma' computer hardware mixtri minghand is-socjeta' attrici u dana skond ma' kif jirrizulta minn dokumenti annessi mal-avviz u mmarkati Dok A, B u C. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali numru 5105/09 mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet mid-data tal-ahhar pagament u cioe` mit-13 ta' Marzu, 2009 kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Ra illi tali risposta baqghet ma gietx prezentata nonostante illi kemm il-konvenuta kif ukoll l-avukat difensur taghha kienu hadu konjizzjoni tal-verbal tad-29 ta' Jannar, 2009. Sema' x-xhieda tal-PL Noel Scerri li bil-gurament tieghu ikkonferma li l-ammont mitlub kien ghadu dovut sal-gurnata tal-lum peress li kien ghadu ma sarx pagament. Ra li ghalkemm imsejha diversi drabi l-konvenuta u l-avukat difensur taghha baqghu ma dehrux.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba fis-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u sebghin ewro (€1,674). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-13 ta' Marzu, 2009 u bl-ispejjez kollha kif rikjesti a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------